MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru 65/2014

Il-Pulizija

(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Salah Adam

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat, detentur ta' Aliens Passport Taljan bin-numru 146971 u ta' permess ta' residenza Taljan bin-numru I04827751;

Akkuzat talli fil-15 ta' Jannar 2014 ghall-habta tas-2.15am, fil-Marsa:

1. kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohammed Ali Ibrahim mic-Chad skont ma ccertifikat t-tabib Dr V Rizzo (Med Reg 5567) mill-Isptar Mater Dei, liema offiza giet maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez (Art 216 u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. garr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija (Art 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat

L-imputazzjonijiet jitrattaw l-ferita gravi u pusses illecitu ta' sikkina. Dwar il-ferita gravi, din hi mahsuba taht l-Artikolu 216 u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. It-tieni akkuza taht l-Ordinanza tal-Armi hi assorbita fl-Artikolu 217 tal-Kap 9 applikabbli wkoll fil-kaz tal-imputat.

Rat l-Artikolu 216, 217 u 17 tal-Kap 9. Issib lill-impuat hati u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ser jigu sospizi ghal sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltaj iet tieghu skont din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------